**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 19 ta' Gunju 2017**

**Talba Nru: 215/16 CZ**

**GasanMamo Insurance Limited (C 3143) hekk kif surrogata fid-drittjiet ta' l-assikurat taghha Maria Schembri (ID 527972 (M) sija bil-polza u sija bil-ligi, u l-istess Maria Schembri**

**vs.**

**F. Schembri Holdings Limited (C 17763)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fit-2 ta' Gunju 2016 li permezz taghha premettiet:

Illi s-socjeta' attrici titlob lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' elf, tliet mija u wiehed Euro u sebgha u ghoxrin centezmu (€1,301.72), liema somma tinkludi mija u hamsa w sebghin Euro (€175) mhallsa bhala 'excess' mill-assikurata tas-socjeta' attrici, Maria Schembri, rapprezentanti danni sofferti mill-istess atturi in segweitu ta' incident fl-1 ta' Novembru 2014 gewwa Triq ix-Xatt, Gizra, propju hdejn il-BOV, liema incident sehh unikament tort tas-socjeta' intimata u dana billi waqa' materjal ta' kostruzzjoni waqt li kien qed isir xoghol fil-BOV fuq il-vettura parkeggjata bin-numru tar-registrazzjoni ABR-418 propjeta' ta' l-assikurata tas-socjeta' attrici, u dana stante illi l-istess incident sehh unikament tort tas-socjeta' intimata u minhabba traskuragni, imperizja u negligenza da parti taghha;

Illi interpellata sabiex thallas permezz ta' ittra ufficcjali datata 2 ta' Settembru 2015 is-socjeta' intimata baqghet inadempjenti u kwindi kellhom jigu istitwiti l-proceduri odjerni.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali tat-2 ta' Settembru 2015 u bl-imghaxijiet legali mit-2 ta' Settembru 2015 sal-gurnata tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' intimata li hija minn issa stess ingunta ghas-subizzjoni.

Illi permezz ta' risposta prezentata fil-21 ta' Gunju 2016, is-socjeta' konvenuta wiegbet:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-istess atturi, u dan stante illi ma kien hemm ebda incident kif dedott li ghandha tahti ghalih l-eccipjenti;
2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, tinkombi fuq l-atturi jippruvaw sal-grad rikjest mil-Ligi r-responsabilta ta' l-eccipjenti ghal kull hsara allegatament sofferta, liema allegazzjoni ta' responsabbilta' qed tigi respinta bil-qawwa kollha.

3. Illi konsegwentement ghal dan kollu, m'ghandhom jigu likwidati ebda danni favur l-atturi, li del resto ghandhom jippruvaw id-danni allegatament sofferti minnhom sal-grad rikjest mil-ligi.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

It-Tribunal;

Ra l-atti;

Sema' t-trattazzjoni bil-fomm ta' l-abbli avukati difensuri tal-partijiet;

Ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

**Ikkunsidra:**

Illi din hija kawza fejn is-socjeta' attrici qed titlob somma ghal danni allegatament ikkawzati fil-vettura ta' l-assikurata taghha, konsegwenti ghal xi incident li ghalih tippretendi li kienet tahti s-socjeta' konvenuta.

Illi mill-provi prodotti rrizulta s-segwenti:

Illi Max Borg Bonello[1], Manager fil-*claims department* tas-socjeta' attrici xehed illi l-assikurata taghhom Maria Schembri kienet allegata li kien waqa' xi siment fuq il-vettura taghha fil-Gzira u anke nkisrilha l-wind screen. Hi kienet qed tipprova tirranga mal-Bank of Valletta, izda ma kellha ebda success. Is-socjeta' attrici mbaghad kienet ghamlet tajjeb ghall-hsarat li garrbet Schembri. Intbaghtu diversi ittri lis-socjeta' konvenuta biex

[1] Fol. 12

tersaq ghall-hlas, izda din ma wegbitx.  Proceduri kontra l-Bank of Valletta ma sarux.  Ix-xhud esebixxa diversi dokumenti fosthom is-*survey report* u xi ricevuti.

Xehed ukoll is-Surgent 463 Christopher Ellul[2] li esebixxa r-rapport tal-Pulizija.

Illi xehdet ukoll l-attrici Maria Schembri li rrakkontat dwar kif hija tghammar bieb ma' bieb mal-lok fejn kien qed isir zvilupp.  Dakinhar ta' l-incident semghet hoss qawwi, u wara li harget mid-dar, sabet il-karozza mimlija konkos u l-windscreen imxaqqaq.  X'hin avvicinat wiehed mill-haddiema, dan qalilha li ghalhekk ihallsu l-insurance. Sussegwentement is-socjeta' attrici kienet hallsitilha l-ispejjez,u hija hallset mija u hamsa u sebghin Euro f'*excess* (€175).

Illi xehdet ukoll Rodianne Bonnici[3], Senior Accounts Officer fis-socjeta' konvenuta, li prezentat il-kuntatt tax-xoghlijiet/appalt bejn is-socjeta' C &F Building Contractors Ltd. (C-15308) u l-Bank of Valletta plc, u ddikjarat illi s-socjeta' konvenuta hija kumpanija separata mis-socjeta' C & F Buildings Contractors, u m'ghandhiex x'taqsam maghha.

Illi l-Perit Bernard Formosa[4] xehed li hu kien inkarigat bhala perit minn C & F Contractors ta' Schembri Group fuq il-progett tal-BOV fil-Gzira, u hadd ma kellmu dwar l-incident in kwestjoni.  Il-karozza fil-mertu tal-kwistjoni qatt ma raha.

Illi xehed ukoll John Callus[5], surveyor, li ddeskriva x-xoghlijiet li kien jehtieg li jsiru fuq il-vettura in kwestjoni.  Qal ukoll illi ma qalulux li l-mera kienet gia' mqaccta, u li ma kienx kellem lil sid il-karozza in kwestjoni.

[2] Fol. 32
[3] Fol. 46
[4] Fol. 48

Illi t-Tribunal ra wkoll ricevuta u breakdown ta' l-ispejjez, hekk kif misjuba a fol. 37 et seq. Ra wkoll l-ittra ufficcjali u ohra legali prezentati mis-socjeta' konvenuta a fol. 80 u 81 tal-process.

Illi t-Tribunal ikkonsidra s-segwenti:

Illi l-ewwel eccezzoni tas-socjeta' konvenuta hija li ma kien hemm l-ebda incident li ghalih tahti s-socjeta' konvenuta. It-Tribunal huwa tal-fehma li ghandu fl-ewwel lok jinvestiga din l-eccezzjoni indipendentement mill-eccezzjonijiet l-ohra.

Illi mill-provi rrizulta illi s-socjeta' li kienet qed tahdem fuq il-progett in kwestjoni kienet C & F Building Contactors Ltd., u mhux is-socjeta' konvenuta. Is-socjeta' attrici fil-fatt talbet li din is-socjeta' tissejjah fil-kawza, izda t-Tribunal cahad din it-talba b'digriet tat-13 ta' Frar 2017.

Illi kif intqal fis-sentenza *Joseph Mary Farrell vs. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud*[6]:

> Hu maghruf li kawzi quddiem il-qrati superjuri jridu jimxu a bazi tal-kawzali kif imressqa ghal quddiemha mir-rikorrenti, u jekk talba tkun mitluba a bazi ta' kawzali partikolari, mhux lecitu ghall-parti jew ghall-qorti tinvestiga lil hinn minn dik il-kawzali. Kif intqal, per ezempju, mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kaz Azzopardi v. Azzopardi, deciza fil-31 ta' Jannar, 2003, "il-Qorti ghandha toqghod fuq il-kawzali u t-talba dedotta u xejn izjed".

---

[5] Fol. 77
[6] Qorti ta' l-Appell – 24 ta' Gunju 2011

Illi t-Tribunal ihoss illi f'kaz bhal dan, dan l-insenjament jghodd ukoll ghat-Tribunal. Hawnhekk si tratta ta' socjeta' li qed titlob il-hlas tad-danni minghand socjeta' ohra li la kienet materjalment involuta fix-xoghlijiet,u lanqas ingabet l-ebda prova li kienet tindika lis-socjeta' konvenuta bhala l-kuntrattur tax-xoghlijiet *de quo*.

Illi kif intqal fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fl-ismijiet *Liquigas Malta Limited vs. Easygas Malta Limited*[7], tal-5 t'Ottubru 2015:

> Huwa risaput illi min jeccepixxi li mhux il-legittimu kuntradittur jehtieglu jiddemostra, u wkoll jiddizimpenja ruhu bi provi adegwati, illi hu ma kienx il-persuna li kellu jirrispondi ghat-talba proposta bl-istanza. Sabiex jigi stabbilit jekk persuna hijiex jew Ie l-legittimu kontradittur ta' parti f'kawza, jehtieg Ii fl-ewwel lok jigi stabbilit fuq bazi ta' prima facie jekk il-persuna Ii giet imharrka kienetx materjaiment involuta f'dak Ii minnu qeghda tilmenta l-attrici, cjoe jekk bl-agir tieghu hoIoqx reIazzjoni guridika Ii minnha twieidet l-azzjoni fit-termini kif gew proposti mill-attrici *(Grace Sacco vs Supretendent Mediku fl-Isptar Generali ta' Ghawdex et, 16/10/2007)*.

Illi lit-Tribunal ma rrizultalu bl-ebda mod illi xi rapprezentant tas-socjeta' konvenuta ppresta ruhu b'xi mod bhala l-persuna responsabbli ghax-xoghlijiet. L-unika diskussjoni li jidher li kellha l-attrici Maria Schembri kienet ma' wiehed mill-haddiema li kien hemm fuq is-sit, u lanqas ma' dan ma stabbiliet min kien responsabbli ghall-akkadut. Kull ma qalet dwaru kien illi qalilha li ghalhekk tithallas l-insurance (ghal incidenti bhal dak odjern). It-Tribunal jinnota illi fir-rapport tal-Pulizija, u precizament a fol. 35 tal-process, hemm indikat illi l-attrici Maria Schembri tkellmet mal-periti kollha, ma' wiehed mill-bank BOV, ma' iehor tal-kumpanija Schembri Holdings, u l-foreman certu Matthew tal-kumpanija Schembri Holdings li ra b'ghajnejh il-hsara *de quo*. It-Tribunal jirrileva pero' illi waqt ix-xiehda taghha l-attrici Maria Schembri[8] ma semmiet xejn minn dan, u ma kkonfermat bl-ebda mod li tkellmet ma' dawn in-nies kollha li ssemmew fir-rapport tal-Pulizija. Anke li kieku kien hekk pero', hadd minn dawn il-persuni ma accetta xi tip ta' responsabilta' ghall-akkadut, u f'kull kaz hadd minn dawn ma ttella' b'xhud, hlief forsi

[7] Prim'Awla tal-Qorti Civili per Onor. Imhallef Mark Chetcuti
[8] Fol. 41 et seq.

ghall-Perit Bernard Formosa, li wara kollox izda qal li hadd ma kellmu dwar l-incident in kwestjoni.

Illi f'dan l-istadju, it-Tribunal jaghmel referenza ghal sentenza ohra tal-Qorti ta' l-Appell, fl-ismjiet *Frankie Refalo noe. vs. Jason Azzopardi et*[9], fejn intqal:

> Din il-Qorti allura tikkonsidra illi biex tistabilixxi jekk parti in kawza kienetx jew le legittimu kontradittur tal-parti l-ohra, kellha bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.
>
> Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici,inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi – kif iddecidiet korrettement f'dan il-kaz - illi l-konvenut kien gie sewwa citat inkwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti. Kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor jew lejn haddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza. Id-dikjarazzjoni tal-Qorti li parti in kawza tkun legittimu kontradittur lanqas ma kienet tfisser li l-Qorti ma setghetx, fil-konsiderazzjoni ta' l-eccezzjonijiet opposti ghat-talbiet, tasal ghall-konkluzzjoni li l-konvenut – dikjarat prima facie legittimu kontradittur - kien wara t-trattazzjoni tal-kawza jirrizulta ghal kollox estraneju ghar-responsabilitajiet lilu addebitati mill-attur fl-azzjoni minnu tentata."

Illi minkejja li kien ammess illi s-socjeta' konvenuta u l-ohra C & F Building Contractors huma mill-istess grupp ta' socjetajiet, dan it-Tribunal jirrileva li baqa' ma giex pruvat dak in-ness li jorbot lis-socjeta' konvenuta ma' l-akkadut. Anke meta l-attrici Maria Schembri kellha l-opportunita' li telabora, waqt ix-xiehda taghha, ma' min tkellmet, u

[9] 5 t'Ottubru 2001

dan sabiex wiehed ikun forsi jista' jistabbilixxi jekk kienx hemmx imqar xi persuna fizika li tkellmet ghan-nom tas-socjeta' konvenuta u li accettat xi tip ta' responsabilita', dan m'ghamlitux. It-Tribunal ghahekk se jilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta u konsegwentement ma jidholx fl-eccezzjonijiet l-ohra fil-mertu stante li m'hemmx il-htiega ghal dan.

Illi pero' huwa minnu wkoll illi s-socjeta' konvenuta, fl-ittra li baghtet kif misjuba a fol. 81 tal-process, kienet telegrafika ghall-ahhar u ma tat bl-ebda mod hjiel ta' min seta' kien responsabbli ghall-incident de quo. In kontro-ezami, ix-xhud Rodianne Bonnici ma tat l-ebda raguni plawsibbli ghal dan, hlief li sostniet li z-zewg kumpaniji C & F Building Contractors u F. Schembri Holdings huma separati minn xulxin. Din l-ittra ta' Settembru 2015 intbaghtet wara interpellazzjonijiet ripetuti[10] da parti tas-socjeta' attrici ghall-hlas tad-danni. Min-naha l-ohra, Max Borg Bonello ghas-socjeta' attrici qal illi ma rcivew l-ebda twegiba minghand is-socjeta' konvenuta, u ghalhekk skond hu ma kienu rcevew lanqas l-ittra a fol. 81 tal-process, ghalkemm ovvjament f'dak l-istadju ma setax jigi mistoqsi dwarha specifikament ghax kienet ghadha ma gietx prezentata. It-Tribunal jirrileva illi s-socjeta' attrici kienet ilha tinterpella lis-socjeta' konvenuta sa minn Jannar 2015, u kien biss f'Settembru 2015 li s-socjeta' konvenuta tat xi tip ta' twegiba. It-Tribunal jista' jifhem ir-raguni ghal din l-ghazla, izda jhoss illi dan l-agir, partikolarment in-nuqqas tas-socjeta' konvenuta li twiegeb ghall-interpellazzjonijiet tas-socjeta' attrici, ghandu jirrifletti ruhu fl-ispejjez ta' din il-kawza.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta, jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-eccezzjonijiet l-ohra, u konsegwentement jichad it-talbiet ta' l-atturi. L-ispejjez

[10] Fol. 22, 23, 24, 26 u 27

ghandhom jithallsu kwantu ghal zewg terzi (2/3) mill-atturi u kwantu ghal terz (1/3) mis-socjeta' konvenuta.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur